# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## SEDE CIVILI

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 8-ta' Marzu, 2002**

**Numru**

**Avviz numru 671/01DM**

**Tiger Brand Limited**

**vs**

**Price Club Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghal hlas tas-somma ta' elf hames mija tnejn u tletin liri maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm1532.43), rapprezentanti prezz ta' oggetti ta' l-ikel u partikolarment spices u hwawar, mibjugha u kkonsenjati lilhom f'diversi okkazjonijiet fuq inkarigu taghhom stess, kif jixhdu l-invoices annessi u mmarkati Dok 1 sa Dok 9.

Bl-ispejjez, kollha kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici fejn eccepiet illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-talba ta' hlas fl-ammont ta' elf hames mija u tnejn u tletin liri maltin u tlieta u erbghin centezmi (Lm1532.43c) hija eccessiva.

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li gew prodotti.

Billi l-provi prodotti jikkonsistu esklusivament fid-dokumenti esebiti mill-atturi u d-deposizzjoni tar-rapprezentanti tal-kumpanija attrici; u peress illi l-konvenuti ma kkoncedew ebda provi in sostenn tal-eccezzjoni taghhom jew in kontestazzjoni tal-provi prodotti mill-atturi;

It-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata; u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf hames mija tnejn u tletin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmi (Lm1532.43c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mit-23 ta' Dicembru 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magistrat

A. Farrugia

Dep.Reg. va